
Pittura ta' Domenischini: Sta. Ċilja u Valerjanu

# Sta. Ċeċilja V. M. – Qaddisa Patruna tal-mużika

minn Mro. Manoel Pirotta

Sta. Ċeċilja hija l-Qaddisa patruna tal-mużika u hija ħafna għall-qalb il-mużiċisti madwar id-dinja tant li hawn min iħares il-ġurnata tat-22 ta' Novembru b'quddiesa u tqarbina. F'Malta, l-Għaqda Każini tal-Banda tieħu ħsieb torganizza quddiesa fil-konkatidral ta' San Ġwann fejn is-soċjetajiet mużikali jieħdu sehem fiha u jġibu l-istendardi rispettivi tagħhom. Din l-attività tkun segwita minn marċ brijuż fit-toroq ewlenin tal-Belt Valletta. L-istess ħaġa ssir fil-gżira t'Għawdex. Fl-istess żmien ukoll, jittella' kunċert sinfoniku fit-Teatru Manoel li jrid jinkludi xogħol ta' kompożitur Malti. F'Malta m'hawnx pajjiż bil-festa u l-istatwa tagħha u lanqas m'hawnx każin tal-banda wieħed li hu msemmi għaliha.

L-Atti ta' Sta. Ċilja nkitbu ħafna aktar wara il-martirju tagħha u għaldaqstant wieħed ma tantx jista' joqgħod storikament fuqhom. Hija trabbiet ta' nisranija f'familja nobbli Rumana u kienet tiċċaħħad minn kollox għall-imħabba t'Alla. Iżda missierha ried bilfors iżewwiġha lil Valerju, patrizju żagħżugħ. Ċilja obdiet b'rispett lejn missierha. Imma waqt it-tieġ hi bdiet tkanta f'qalbha l-innu tal-purità u wara li għadda kollox fetħet qalbha ma' Valerju. Qaltlu li hi diġà kienet tgħarrset ma' anġlu t'Alla, iżda qabel ma jikkonverti u jitgħammed ma setax jarah. Valerju obda u mar għand l-isqof Urbanu biex jgħallmu 'l min hu l-vera Alla u mbagħad jgħammdu. Lura f'daru, Valerju jsib lil martu tistennieh u maġenbha anġlu li min-naħa tiegħu poġġa klila bil-ward tal-ġilju fuq ras l-għarajjes. Aktar tard, anki Tiburzju, ħu Valerju, ikkonverta. Iż-żewġt aħwa laħqu għamlu ħafna ġid qabel ma ġew ikkundannati għall-mewt minn Almakju, l-istess bħalma ġara lill-fizzjal Massimu talli ikkonverta. Ċilja difnithom fiċ-ċimiterju ta' Pretestatu. Ftit wara mess lilha wkoll u ġiet ikkundannata biex tmut fgata fil-banju privat tagħha. Ġara iżda li, il-qawwa tan-nar ma kienx biżżejjed għaliha u ngħatat ordni biex suldat jaqtagħlha rasha barra. Sfortunatament, hi ma metitx mill-ewwel bid-daqqiet tal-mannara fuq għonqha u damet tlitt ijiem agunija. Mal-mewt tagħha marru jżuruha xi nsara u difnuha fil-kripta taċ-Ċeċilji, fil-katakombi ta' San Kallistu, u li fiha nsibu skrizzjoni u xi pitturi. Kien biss wara li nstab il-ġisem tagħha li wieħed seta' jikkonferma l-eżistenza tagħha.

Ħafn' huma l-kompożituri li kitbu xi biċċa xogħol mużikali f'ġieħ Sta. Ċilja, fosthom l-*Ode for St. Cecilia's Day* ta' Henry Purcell (1659–95), kompożitur Barokk Ingliż. Dax-xogħol jikkonsisti f'sett t'erba' xogħlijiet korali, kollha iddedikati lil dil-Qaddisa. Purcell kien ikkompeta bihom fl-ewwel festival li qatt ġie organizzat f'ġieħha mis-Soċjetà Mużikali ta' Londra mwaqqfa minn grupp ta' mużiċisti u oħrajn li jħobbu l-mużika. Il-konkors kien sar fit-22 ta' Novembru tal-1683. Fil-mużika, ode hu xogħol ta' natura ċeremonjali fejn il-versi tal-poeżija jiġu mmużikati b'tali mod li jirriflettu dan is-sentiment fl-istess ħin nobbli u dinjituż. L-ode tal-1692, *Hail! Bright Cecilia* (Z. 328), jitqies bħala l-aktar popolari fost l-erbgħa. It-test bl-Ingliż hu ta' Nicholas Brady (1659–1726), poeta Irlandiż imwieled fl-istess sena ma' Purcell. Brady kien ispirat mill-poeżija *A Song for St. Cecilia's Day* (1687) ta' John Dryden (1631–1700) li fiha jingħad li kienet Ċilja li ivvintat l-orgni. It-test jagħmel ħafna referenzi għal strumenti mużikali u x-xogħol jinvolvi varjetà wiesgħa ta' kantanti solisti u s-sehem ta' strumenti obbligati. Ħafna mill-arji li fiha jużaw forom bal-labbli u huma orkestrati b'mod mill-aktar oriġinali li qabel qatt ma kienu nstemgħu bħalhom.


Henry Purcell


Marc-Antoine Charpentier

Xogħlijiet oħra f'ġieħ Ċilja huma wħud mill-Oratorji – fejn it-test immużikat ikun ta' natura reliġjuża - tal-kompożitur Franċiż Marc-Antoine Charpentier (1634–1704) fosthom, *In honorem Caeciliae, Valeriani et Tiburtij canticum*, kif ukoll diversi verżjonijiet ta' *Caecilia virgo et martyr* fuq librett ta' Philippe Goibaut (1629-94). Hemm imbagħad il-Cantata *Ode for St. Cecilia's Day*, *Alexander's Feast* (HWV 75) ta' George Frideric Handel (1685-1759) komposta fl-1736 fuq librett ta' Newburgh Hamilton (1691–1761). L-awtur Irlandiż ibbaża ħafna l-librett tiegħu fuq l-ode ta' Dryden li jġib l-istess isem. Dan kien ġie immużikat minn Jeremiah Clarke (1674–1707). Xogħol ta' kompożitur Barokk Ingliż ieħor huwa dak ta' William Walond (1725–70) li jismu *Ode on St. Cecilia's Day* fuq versi tal-poeta Ingliż Alexander Pope (1688–1744). Min-naħa tiegħu, il-kompożitur Romantiku Franċiż, Charles Gounod (1818–93) ukoll kiteb quddiesa solenni f'ġieħha. Erba' xogħlijiet ta' kompożituri Ingliżi tas-seklu 20 huma *Hymn to St. Cecilia, Op. 27* għal kor *a cappella* ta' Benjamin Britten (1913-76) fuq versi ta' W.H. Auden (1907-73); *A Hymn to Saint Cecilia* ta' Herbert Howells (1892 – 1983) fuq versi ta' Ursula Vaughan Williams (1911- 2007); *For Saint Cecilia, Op. 30*, ode għal tenur, kor u orkestra ta' Gerald Finzi (1901 – 56) u kliem ta' Edmund Blunden (1896–1974), u *A Hymn to Saint Cecilia* (1966) ta' Michael Hurd (1928–2006) fuq versi wkoll ta' Dryden. Xogħol mill-aktar riċenti huwa dak Frederik Magle, imwieled id-Danimarka fl-1977, *Cantata to Saint Cecila*, xogħol ibbażat fuq ħajjet il-Qaddisa.


Charles Gounod




Carmelo Pace

Xi xogħlijiet f'ġieħ Sta. Ċilja minn kompożituri Maltin insibu wkoll: *Santa Cecilia* (*Concert Overture*) għall-banda ta' George Martin (1920-91) fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Sta. Marija Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba. Indaqqet għall-ewwel darba fit-30 ta' Lulju 1985 waqt kunċert kommemorattiv taħt id-direzzjoni tal-istess kompożitur; *Hymn to St. Cecilia* ta' Carmelo Pace (1906–93) għal żewġ vuċijiet u pjanu fuq versi bl-Ingliż ta' George Zammit (1908-90). Indaqq għall-ewwel darba mill-istudenti tal-iskola sekondarja tal-bniet tal-Gżira. Pace kiteb ukoll *Fall, Leaves, Fall* għal kor S.A.T.B. *a capella* fuq versi tal-poetessa Ingliża Emily Brontë (1818–48). Esegwit għall-ewwel darba f'Assam l-Indja fl-14 t'Awwissu 1963 mis-*St. Cecilia Choral Society* fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet ad unur il-Qdusija Tiegħu Papa Pawlu VI. Il-kor, li kien magħmul minn mitt korist, kantaw dil-għanja quddiem udjenza ta' 6000 ruħ; *Santa Cecilia* (*Sinfonia*) tal-Għawdxi Mikiel Farrugia (1898-1969). Ma' dil-lista nżidu wkoll is-*Soċjetà Orchestrale Santa Ċeċilja* mwaqqfa minn Paolo Vella (1873-1948). Kien kiteb innu ddedikat lil dis-Soċjetà li ndaqq fit-Teatru Rjal.

F'Malta, m'hawnx banda li ġġib l-isem ta' Sta. Ċilja. L-istess jingħad għal ħafna festi li jiġu ċċelebrati matul is-sena fejn l-ebda parroċċa ma toħroġ bl-istatwa tagħha jew imqar isiru xi forma ta' festi interni jew esterni ad unurha. Anki fil-knejjes u/jew kappelli Maltin, rari ssib xi pittura tagħha. Donnu li, matul is-sekli, il-pitturi ftit kienu jiddelittaw b'dil-Qaddisa, bil-konsegwenza li hi qatt ma sabet postha fil-kultura lokali. Infatti, insibu biss kappella waħda iddedikata lilha, u din tinsab f'Għajnsielem, Għawdex. Dil-kappella medjevali hi aktarx l-eqdem waħda li għadha wieqfa f'Għawdex fl-istat oriġinali tagħha. Ħdejha nsibu wkoll it-torri ta' Sta. Ċilja mibni fl-1613. Madankollu, f'xi knejjes Maltin insibu xi kwadri mpittrin: *Is-Sultan David u Santa Ċeċilja* ta' Toussaint Busuttil (1912-94) f'waħda mill-arzelli li hemm mas-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' Sta. Katarina taż-Żejtun; *Santa Ċeċilja u l-Profeta David* (1909) ta' Giuseppe Calì (1846-1930) fil-knisja tal-Lunzjata (il-Qadima), il-Birgu; *San Ċeċilja* ta' Antonio Falzon (1805-65), kwadrett li jinsab fil-kunvent tal-knisja ta' Santu Wistin, il-Belt; *Santa Ċeċilja* (1946) ta' Gianni Vella (1885 –1977) f'waħda mill-arzelli tal-orgni. F'arzella oħra insibu l-*Profeta David*, persunaġġ bibliku li wkoll għandu x'jaqsam mal-mużika.



**Kappella ddedikata lil Santa Ċeċilja, Għajnsielem, Għawdex**

Minnu li l-lista hi qsajra, imma talanqas issa nafu li għandna ftit xogħlijiet t'artisti prominenti Maltin id-dedikati lil din il-Qaddisa. Għall-kuntrarju tal-knejjes, tista' tgħid li, fil-każini tal-banda dejjem issib kwadru tagħha mdendel f'xi post prominenti. Madankollu, ftit huma dawk il-bandisti li jirrikorru għaliha meta jiġu wiċċ imb wiċċ ma' xi passaġġ mimli tilja noti.

*Mro. Manoel Pirrotta teaches Music within the Junior College Music Department*